# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 27 ta' Mejju 2016**

**Numru 30**

**Rikors numru 297/2015 fl-atti**
**tar-rikors maħluf numru 849/2014**

***Q Stone Limited***

***v.***

***CFF Filiberti Srl***

1. Dan il-provvediment huwa fuq talba tas-soċjetà konvenuta *CFF Filberti Srl* biex din il-qorti tħassar provvediment ieħor minnha mogħti fis-6 ta' Lulju 2015 li bih l-appell tal-istess konvenuta minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Marzu 2015 ġie dikjarat deżert għax ma kinitx saret il-garanzija kif irid l-art. 249 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Il-konvenuta b'rikors tal-25 ta' Settembru 2015 li għalih is-soċjetà attriċi wieġbet fl-10 ta' Novembru

2015 talbet illi l-qorti terġa' tappunta l-appell għas-smigħ u tagħtiha żmien biex tagħti l-garanzija li trid il-liġi.

2. Il-konvenuta – soċjetà bis-*sede* tagħha fl-Italja u mingħajr preżenza f'Malta – qiegħda effettivament titlob it-tħassir tal-provvediment tas-6 ta' Lulju 2015 għax tgħid illi, għalkemm ir-referta relativa għan-notifika tal-avviż tal-garanzija turi li n-notifika saret bil-posta fit-18 ta' Mejju 2015[1], fil-fatt in-notifika lill-konvenuta saret fit-3 ta' Settembru 2015 – wara d-dikriet ta' deżerzjoni – kif jixhed iċ-ċertifikat maħruġ mill-*Ufficio Unico degli Ufficiali Giudiziari* tal-Italja[2] taħt l-art. 10 tar-Regolament (KE) Nru 1393/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizz-jarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (notifika ta' dokumenti).

3. Għalhekk, tgħid il-konvenuta, ma setgħetx tagħti l-garanzija li jrid l-art. 249 qabel is-6 ta' Lulju 2015 billi, sa dakinhar, kienet għadha ma ġietx notifikata bl-avviż tal-garanzija.

4. L-attriċi wieġbet hekk:

> »1. Preliminarjament, ir-rimedju mitlub mill-kumpannija *CFF Filiberti Srl* ċjoè l-appuntament mill-ġdid ta' appell dikjarat deżert minn dina l-onorabbli qorti ma huwiex rimedju mogħti mil-liġi u ma huwa ibbażat fuq l-ebda disposizzjoni tal-liġi. Għalhekk – anke kieku dak li qiegħda tgħid il-kumpanniia *CFF Filiberti Srl* huwa minnu, ħaġa li qiegħda tiġi ikkontestata mill-kumpanniia esponenti – it-talba tagħha hija insos-tenibbli, irritwali u nulla;
>
> »2. Il-kumpannija *CFF Filiberti Srl* tammetti li in atti hemm referta valida u li ma ġiet attakkata bl-ebda mod li tevidenza – almenu *prima facie* – in-notifika tagħha u li fuqha straħet dina l-onorabbli qorti sabiex

---

1 *Fol.* 65 *tergo.*

2 *Fol*. 74.

tiddikjara l-appell tagħha deżert. Il-kumpannija *CFF Filiberti srl* ma tistax sempliċement titlob li l-appell tagħha jerġa' jiġi appuntat mill-ġdid mingħajr ma tattakka validament tali referta. *Inoltre*, jekk il-kumpannija *CFF Filiberti srl* trid tattakka tali referta r-rimedju ċertament ma huwiex illi jsir rikors li bih jintalab l-appuntament mill-ġdid tal-appell iżda li ssir kawża fejn jiġi stabbilit jekk dak allegat mill-kumpannija *CFF Filiberti srl* huwiex minnu *o meno*;

»3. Fil-mertu u mingħajr preġudizzju għall-premess, dak kollu allegat mill-kumpannija *CFF Filiberti srl* ma għandux mis-sewwa. L-irċevuta minnha eżebita ma hijiex prova li n-notifika saret nhar it-3 ta' Settembru 2015 iżda li dik l-irċevuta ġiet maħruġa dak in-nhar tat-3 ta' Settembru 2015 (għalhekk hemm miktub il-kelma *addì* fejn l-istess data). Jidher mill-istess riċevuta illi intalbet nhar id-29 ta' Lulju 2015. Għalhekk ma hemm l-ebda prova kwalsijasi ta' dak li allegat il-kumpannija *CFF Filiberti Srl* li n-notifika tagħha saret nhar it-3 ta' Settembru 2015. Ir-rappreżentanti tagħha ma ikkonfermawx dan bil-ġurament għax jafu li mhuwiex minnu. L-unika prova ta' notifika li hemm in atti hija r-referta valida u xejn ħliefha;

»… … …«

5. Billi l-ewwel argument tal-attriċi huwa eċċezzjoni preliminari li tolqot il-validità tar-rikors tal-konvenuta, il-qorti sejra tibda billi tqis din l-eċċezzjoni għax, jekk qiegħda tgħid sew l-attriċi, il-każ jieqaf hawn.

6. Għalkemm huwa minnu li ma hemmx disposizzjoni espressa tal-liġi li tagħti lil din il-qorti s-setgħa li tisma' u tipprovdi dwar rikors bħal dak tal-konvenuta tal-25 ta' Settembru 2015, huwa fis-setgħa tal-qorti, taħt l-art. 175(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, illi – sakemm ma tkunx ingħatat sentenza, li fil-każ tallum ma ngħatatx – tħassar jew tirriforma provvedimenti tagħha stess biex jissewwa "kull omissjoni jew żball ġudizzjarju jew amministrattiv". Jekk tassew il-konvenuta ma kinitx notifikata bl-avviż tal-garanzija mela l-provvediment li bih ġiet dikjarata d-deżerzjoni ngħata bi żball li ma għandux jitħalla bla ma jissewwa, aktar u aktar meta l-konsegwenza tkun waħda li ċċaħħad lil parti mill-jedd li jkollha aċċess għall-qorti u illi tinstema'.

7. L-eċċezzjoni hija għalhekk miċħiuda u nistgħu għaddu għall-meritu.

8. Li jidher li ġara hu illi l-avviż tas-smigħ tal-appell u tal-garanzija ġie notifikat darbtejn lill-konvenuta: darba bil-posta, kif tidher mir-referta li tinsab *fol.* 65 *tergo* u turi li n-notifika saret fit-18 ta' Mejju 2015, u darba permezz tal-uffiċjali ġudizzjarji Taljani taħt ir-Regolament (KE) Nru 1393/2007, kif jidher miċ-ċertifikat li jinsab *fol.* 74. Inċidentalment qiegħda tgħid ħażin l-attriċi meta tgħid illi minn dan iċ-ċertifikat ma tistax tgħid meta saret in-notifika u qiegħda tgħid ħażin ukoll il-konvenuta meta tgħid illi n-notifika saret fit-3 ta' Settembru 2015: iċ-ċertifikat juri bħala *data … della notificazione o comunicazione* it-3 ta' Awissu 2015, xorta wara d-data tad-deżerzjoni.

9. Il-fatt li saru żewġ notifiki ma jfissirx illi l-ewwel notifika ma kinitx tiswa: jista' jkun illi fl-istess żmien saru żewġ tentativi ta' notifika biex jekk ma tirnexxix waħda tirnexxi l-oħra u hekk ma jinħeliex żmien. Il-kwistjoni mela hi jekk l-ewwel notifika – notifika bil-posta lil parti residenti barra minn Malta iżda f'pajjiż tal-Unjoni Ewropea (barra d-Danimarka) – tiswiex.

10. Fil-fatt sewwa tgħid l-attriċi illi l-konvenuta ma fittxitx li timpunja r-referta li turi li saret in-notifika fit-18 ta' Mejju 2015, u l-qorti għalhekk tista' tieqaf hawn. Madankolli l-qorti *ex abundanti* tagħmel referenza wkoll għall-art. 14 tar-Regolament (KE) Nru 1393/2007 li jgħid hekk:

> »Notifika bis-servizzi postali
>
> »Kull Stat Membru għandu jkun ħieles li jwettaq in-notifika tad-dokumenti ġudizzjarji direttament bis-servizzi postali lill-persuni li joqogħdu fi Stat Membru ieħor permezz ta' ittra rreġistrata bl-avviż tal-wasla tal-ittra għand id-destinatarju jew l-ekwivalenti. «

11. In-notifika ta' atti ġudizzjarji tal-qrati ta' Malta bis-servizz postali ssir bil-posta reġistrata bl-"avviż ta' konsenja"[3], u għalhekk hija perfettament valida wkoll għall-għanijiet ta' notifika ta' persuna fl-Italja.

12. Billi għalhekk il-konvenuta kienet regolarment notifikata bl-avviż tal-garanzija qabel id-data tal-provvediment li bih ġiet dikjarata d-deżerzjoni tal-appell, ir-rikors tagħha tal-25 ta' Settembru 2015 huwa miċħud.

13. L-ispejjeż relativi għall-eċċezzjoni ta' invalidità tar-rikors tal-konvenuta tħallashom l-attriċi; l-ispejjeż l-oħra ta' dan l-episodju tħallashom il-konvenuta.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

3 Reg. 3(1) tar-Regoli dwar in-Notifika ta' Atti Ġudizzjarji bil-Posta [L.S. 12.12].